# Qorti tal-Magistrati
## (Ghawdex)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' April, 2002 .

Kumpilazzjoni Numru : 11/2001 .

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

VS

George Attard ta' 45 sena, bin il-mejjet George u l-mejta Mary nee' Caruana, imwieled Victoria, Ghawdex fl-14 ta' Marzu, 1955, u joqghod 28, Triq Santa Marija, Victoria, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru : 18355 (G) .

Il-Qorti ;

Rat l-akkuza li permezz taghha George Attard gie akkuzat talli fl-4 ta' Marzu, 2001 ghal habta ta' l-4.00 ta' fil-ghodu u fix-xhur ta' qabel f'Ghawdex, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u munizzjon, ai termini tal-Artikolu 3 tal-Ordinanza Dwar l-Armi, Kap. 66, tal-Ligijiet ta' Malta ;

Ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, fil-bar tal-kazin Astra fir-Rabat, Ghawdex, u cioe' fil-hin ta' l-arrest ghall-ghemil ta' delitt kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u munizzjon, ai termini tal-Artikolu 26 tal-Ordinanza Dwar l-Armi, Kap. 66, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-bar tal-kazin Astra fir-Rabat, Ghawdex ghad-detriment ta' George Ellis u tas-Socjeta' Filarmonika La Stella, liema hsara hija ta' izjed minn hames mitt lira Maltin (Lm500) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000), ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta ;

Aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, u cioe' offiza hafifa fuq il-persuna ta' George Ellis skond kif iccertifika t-tabib Coronatu Grech tal-Ispter Generali t'Ghawdex ai termini tal-Artikolu 214, u 215 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta ;

U aktar talli fl-istess hin data, lok u cirkostanzi volontarjament bil-lejl kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, ai termini tal-Artikolu 338 (m) u (dd) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali ta' Malta datata 15 ta' Jannar, 1980, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Rat l-artikli ta' l-avukat Generali, tas-17 ta' Ottubru, 2001, fejn din il-Qorti giet awtorizzata li tipprocedi bi procedura sommarja .

Rat il-verbal tal-imputat tad-29 ta' Jannar, 2002, fejn hu ddikjara li ma jsib ebda oggezzjoni li dan il-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja .

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-espert nominat minn din il-Qorti Timothy Tabone biex jaghmel valutazzjoni ta' l-oggetti danneggjati fl-incident in kustjoni .

Semghet lill-imputat prezenti fl-awla llum stess jammetti l-akkuzi kif dedotti .

Il-Qorti, peress illi rrizulta mix-xhieda ta' Timothy Tabone illi l-valur ta' l-oggetti danneggjati ma jirrizultax illi jaqbzu s-somma ta' hames mitt lira, in vista wkoll ta' l-ammissjoni ta' l-imputat dwar l-akkuzi kif dedotti; Wara li rat ukoll il-fedina penali ta' l-istess imputat, u in vista wkoll ta' certu gravita' ta' dan l-incident,

Issib lill-imputat hati, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, u dana wara li wissiet lill-istess imputat bl-import ta' din is-sentenza .

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta' l-arma involuta f'dan l-istess incident.

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
Skrim 1101Pc
545